**6 ta' Ottubru, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert J. Magri B.A., LL.D.**

Soċjetà Fortress Insurance Brokers Ltd.

*versus*

Gordon Shephard

## Kuntratt ta' impjieg - *Indemnity Form* - Obbligazzjoni ta' Studju ta' Impjegat - Rifużjoni ta' Spejjeż ta' Studju - Żball ta' Fatt - Qerq u *Malafede*

*Il-Qorti rrikonoxxiet bħala valida obbligazzjoni assunta mill-konvenut li jindennizza kull spejjeż fl-iskema ta'* traineeship *fl-eventwalità li l-konvenut jittermina l-impjieg. Ġew miċħuda eċċezzjonijiet ta' żball ta' fatt, qerq u* malafede.

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni pprezentata fis-16 ta' Frar, 1996 li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta li l-konvenut kien ġie mpjegat bħala *clerk* mas-soċjetà attriċi permess ta' ittra mibgħuta lilu mis-soċjetà attriċi ddatata 15 ta' Marzu, 1993 hawn annessa u mmarkata Dok. A u b'kundizzjonijiet ta' l-impjieg kontenuti fil-*Working Conditions Agreement* u l-*Indemnity Form* anness miegħu bħala Appendix A, hawn annessi u mmarkati Dok. B; illi *ai termini* ta' l-istess *Working Conditions Agreement* imsemmija, il-konvenut obbliga ruħu li jindenizza lis-soċjetà attriċi għal dawk l-ispejjeż kollha illi

jkunu ġew inkorsi mis-soċjetà attriċi fl-iskema tat-*traineeship* fl-eventwalità tat-terminazzjoni mill-konvenut ta' l-istess skema ta' *traineeship* (klawsola intitolata *Staff Training)*; illi l-konvenut ittermina l-impjieg tiegħu u l-iskema ta' *traineeship* u dana permezz ta' ittra ta' riżenja mibgħuta lis-soċjetà attriċi u ddatata 12 ta' April, 1994 hawn annessa u mmarkata Dok. C, illi tul il-kors ta' l-impjieg tal-konvenut, is-soċjetà attriċi ħallset l-ammont ta' sitt mija, ħamsa u sebgħin lira, sitta u sittin ċenteżmu (Lm675.66) fi spejjeż konnessi mat-*traineeship* tal-konvenut fosthom korsijiet ta' studju li għalihom attenda l-konvenut, kotba u eżamijiet skond kif spjegat fl-ittra tal-5 ta' Mejju, 1994 mibgħuta lill-konvenut mis-soċjetà attriċi (Dok. D); illi l-konvenut mitlub iħallas baqa' inadempjenti; illi l-kreditu tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' Lm675.66 fuq imsemmija hu ċert, likwidu u esiġibbli u safejn taf is-soċjetà attriċi, il-konvenut ma għandu ebda difiża opponibbli f'din il-kawża kontra t-talba tagħha għall-ħlas ta' dik is-somma kif jidher mill-affidavit ta' Joe Pace, ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi, Dok. X; talab li din il-Qorti tagħti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi bla ma tgħaddi għas-smigħ tal-kawża kif provdut fl-artikoli 167 - 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u hekk tikkundanna minnufih lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' Lm675.66 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq;

Bl-imgħax u bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali tad-9 ta' Novembru, 1994 u ta' l-4 ta' Awissu, 1995 u tal-mandat ta' sekwestru maħruġ kontestwalment ma' din iċ-ċitazzjoni kontra l-konvenut li hu nġunt issa għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mill-attur;

Rat id-digriet tagħha tat-23 ta' Frar, 1996 li permezz

tiegħu l-konvenut ingħata l-fakoltà li jikkontesta t-talba attriċi;

Rat in-nota tal-konvenut preżentata fit-28 ta' Frar, 1996 li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi l-pretensjonijiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kunsens tal-konvenut meta ssottofirma l-ftehim oriġinali kien affett minn żball ta' fatt;

Illi inoltre l-eċċipjent resaq għall-eżamijiet in kwistjoni taħt pressjoni eżerċitata mill-attur *noe* fuqu;

Illi fl-aħħarnett l-imġieba ta' l-attur *noe* fl-esekuzzjoni tal-ftehim relattiv kien karatterizzat minn qerq u *malafede*;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Marzu, 1996 li permezz tiegħu ordnat li jiġu invertiti l-provi;

Semgħet lill-kontendenti u x-xhieda minnhom redatti u ħadet konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Mejju, 1997 meta l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza għas-seduta tal-lum in difett ta' ostakolu;

Osservat li ebda waħda mill-partijiet ma resqet xi ostakolu kif fuq ingħad;

Ittrattat il-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi fil-15 ta' Marzu, 1993 l-konvenut kien ġie ingaġġat mis-soċjetà attriċi bħala *trainee* taħt l-iskema magħrufa bħala *Traineeship Scheme* u kif suġġett għall-*Working Conditions Agreement* li eventwalment ġie ffirmat mill-konvenut u minn Joseph Pace il-*Managing Director* ta' l-istess soċjetà;

Il-Kuntratt tax-Xogħol kien jispeċifika dawk il-kundizzjonijiet kollha li kienu jirregolaw l-impjieg ta' l-attur bħal ma huma is-siegħat ta' xogħol, il-*leave*, dixxiplina, *overtime* u ħlasijiet għall-istess u affarijiet oħra simili li wieħed normalment isib f'kuntratt ta' impjieg. Oltre dan l-istess kuntratt kien jirregola speċifikatament il-klassi ta' impjegati, bħall-konvenut, li jkunu ġew ingaġġati mal-kumpannija bħala *Trainees* u għalhekk kien jispeċifika l-obbligi u d-drittijiet ta' kull parti fl-iskema hekk imsejħa *Traineeship Scheme*;

Il-kumpannija attriċi tagħmel xogħol ta' *broker* fil-kamp assikurattiv. Dan ix-xogħol jitlob preparazzjoni u tħarriġ speċjali sabiex wieħed ikun jista' jaqdi sewwa l-klijenti. Dan it-tħarriġ ġeneralment ma jingħatax minn ċentri edukattivi bħal ma huma skejjel sekondarji jew l-università li soltu jiġu frekwentati minn studenti. Għalhekk fl-interess tal-kumpannija kif ukoll ta' l-impjegati li jkunu interessati li javvanzaw fil-kamp assikurattiv l-istess kumpannija tipprovdi sabiex l-impjegat tagħha, li jkun interessat li jagħmel karriera fl-*insurance*, jingħata t-tħarriġ meħtieġ taħt din l-iskema. Għalhekk fl-istess kuntratt ta' impjieg ġie stipulat li filwaqt li l-kumpannija tobbliga ruħha li tħallas l-ispejjeż kollha konnessi ma' l-istudji ta' l-impjegat, kif ukoll tkopri l-ispejjeż ta' kotba, *courses* u saħansitra vjaġġar barra minn Malta, l-impjegat jobbliga ruħu:

*"to obtain the Associateship of the Chartered Insurance*

*Institute within a maximum period of four years, which period will have commenced from the date on which the Company has initiated the traineeship scheme for such employees;*

*to undergo training as stipulated by the Company at any local or overseas institution;*

*indemnify the Company for all expenses incurred if the traineeship is terminated within a two year period and out of his own free will. Such two year period in respect of any particular expense shall run from the last day of any trip, course or any other expense incurred*";

Bħala konsegwenza ta' dan il-kuntratt u billi l-konvenut kien wera interess fil-kamp assikurattiv l-istess konvenut, fit-2 ta' Ġunju, 1993 iffirma l-applikazzjoni meħtieġa sabiex jibda jattendi kors ta' studju fis-suġġett *Legal Aspect of Insurance*. Meta ġie ffinalizzat il-kors, il-konvenut qagħad għall-eżami iża ma għaddiex. Sussegwentement saret applikazzjoni oħra sabiex il-konvenut jistudja għal tliet suġġetti fosthom l-istess suġġett li kien weħel minnu l-ewwel darba. Iżda ġara li l-konvenut ħass li ma setax ilaħħaq minħabba l-volum ta' xogħol li dan l-istudju kien jimporta u effettivament spiċċa biex għamel biss eżami wieħed u ċjoè dak li kien irripeta, u xorta waħda weħel;

Finalment wara ħafna inċidenti mal-*management* u anke rappreżentazzjonijiet li saru minn rappreżentant ta' l-Unjoni Ħaddiema Magħqudin, il-konvenut iddeċida li joffri r-riżenja tiegħu mill-kumpannija u għalhekk, fit-12 ta' April, 1994, kiteb lill-*Managing Director* tal-kumpannija attriċi u infurmah li kien qiegħed jagħtih *notice* ta' 15-il ġurnata u li kien qed jittermina l-impjieg tiegħu;

Kien għalhekk li l-kumpannija attriċi in forza tal-kuntratt

ta' impjieg kitbet lill-konvenut fil-5 ta' Mejju, 1994 u filwaqt li għamlet referenza għan-*notice of termination of employment*, talbet lill-istess konvenut jirrifondilha s-somma ta' Lm675.66 rappreżentanti spejjeż inkorsi minnha taħt it-*traineeship scheme*, kif aħjar elenkati fid-Dok. D a fol. 17 tal-proċess;

Ikkunsidrat li l-konvenut fin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu mhux qed jikkontesta l-ammont pretiż inkwantu dan jirrappreżenta spejjeż effettivament inkorsi mis-soċjet attriċi. Il-konvenut qed jgħid li dan l-ammont mhux dovut inkwantu meta hu kien iffirma l-kuntratt ta' impjieg tiegħu l-kunsens tiegħu kien vizzjat billi affett minn żball ta' fatt. Illi inoltre hu kien ġie sfurzat jersaq għall-eżamijiet in kwistjoni wara pressjoni min-naħa ta' l-attur u fl-aħħarnett l-imġieba ta' l-attur fl-esekuzzjoni tal-ftehim kien karatterizzat minn qerq u *malafede*;

Jiġi osservat li l-ewwel eċċezzjoni ssollevata mill-konvenut tolqot intimament ir-relazzjonijiet ta' bejn il-kontendenti billi kemm-il darba din l-eċċezzjonijiet hija waħda valida, il-kuntratt li fuqu qed jibbaża ruħu l-attur jiġi ddikjarat null u konsegwentement l-obbligazzjoni tal-ħlas tal-flus fuq imsemmija ma tkunx tista' ssir in forza ta' l-istess kuntratt iżda, se mai, in forza ta' xi obbligazzjoni oħra li però mhux meritu ta' din il-kawża;

Iż-żewġ eċċezzjonijiet l-oħra jippresupponu l-validità tal-kuntratt iżda jolqtu l-esekuzzjoni tiegħu minħabba xi aġir illegali da parti ta' l-istess attur u liema aġir jista' jirrifletti fuq id-dritt ta' l-attur li jitlob rifużjoni u l-obbligu tal-konvenut li jħallas tali ammont. Wieħed għalhekk irid jeżamina kull eċċezzjoni separatament;

L-artikolu 974 tal-Kap. 16 jippreskrivi li jekk il-kunsens (f'kuntratt) ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza jew

b'egħmil doluż, ma jkunx jiswa. Billi l-kunsens huwa wieħed mir-rekwiżiti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jsegwi li kemm-il darba dan il-kunsens jkun nieqes billi jiġi ddikjarat li jkun affett b'xi mod kif jingħad fl-artikolu 974, allura kull obbligazzjoni naxxenti minn dak il-kuntratt ma tibqax torbot lill-kontraenti;

Fid-dikjarazzjoni tiegħu annessa man-nota ta' eċċezzjonijiet il-konvenut spjega li meta huwa ffirma l-ftehim oriġinali huwa iffirmah taħt żball ta' fatt billi huwa, b'mod premeditat da parte ta' l-attur *noe*, ma ġiex mogħti l-fakolta li jirċievi spjegazzjoni jew li jieħu parir dwar il-kontenut tal-ftehim tenut kont l-età markament żagħżugħa tiegħu fil-perijodu relevanti. Difatti, kompla l-konvenut, din kienet l-ewwel esperjenza tiegħu fid-dinja tax-xogħol;

L-artikolu 976 jgħid li l-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim. Ir-radd lura mill-impjegat lill-kumpannija ta' l-ispejjeż inkorsi waqt it-tħarriġ tiegħu bħala *trainee* ċertament jifforma parti mis-sustanza nfisha tal-ftehim. Isegwi għalhekk li żball ta' fatt fuq ċirkostanza simili tirrendi l-obbligazzjoni nulla u mhux esegwibbli. Iżda din il-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut ma irnexxilux jipprova l-allegazzjoni tiegħu. Infatti:

Il-konvenut kien kapaċi jikkuntratta billi kien ta' l-età legali meħtieġa biex jassumi obbligazzjonijiet;

*Il-kliem tal-kuntratt huma ċari u ma jistgħux jipprestaw* ruħhom għal interpretazzjoni differenti minn dak li hemm miktub;

Huwa minnu li l-konvenut ma tantx ingħata żmien biex

jeżamina l-kuntratt biss għandu jiġi osservat li qabel ma ġie iffirmat il-kuntratt il-konvenut kien attenda *interview* ma' rappreżentanti tal-kumpannija qabel ma ġie aċċettat. Waqt dan l-*interview* ġie spjegat lill-konvenut il-portata tat-*traineeship scheme* u l-obbligi derivanti minnha. Infatti fuq mistoqsija speċifika tal-Qorti jekk id-direttur kienx, qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt, spjegalu illi jekk jitlaq ikollu jirrifondi lill-kumpannija l-ispejjeż li tkun għamlet, l-istess konvenut *irrisponda fl-affermattiv;*

Huwa rrilevanti għall-iskop ta' l-eċċezzjoni ssollevat jekk fil-mument li ġie spjegat dan l-obbligu lill-konvenut dan kienx jaf kemm kienet tkun iċ-ċifra, billi l-obbligazzjoni kienet ta' rifużjoni ta' spejjeż effettivament inkorsi u mhux ta' somma prestabbilita bħal fil-każ tal-penali ta' Lm2,000 jekk jitlaq qabel *ma jagħmel sentejn bħala impjegat wara li jkun ottjena l-ACII.* F'dan ir-rigward għandu jingħad ukoll li fil-mument ta' l-iffimar tal-kuntratt ħadd ma seta' jkun jaf x'kienet ser tammonta l-ispiża billi din kienet tiddependi mill-ammont ta' korsijiet u eżamijiet li kien ser jattendi l-konvenut u l-ħlas li kien ser jiġi mitlub minn min kien ser jipprovdi dan it-tħarriġ;

*Għal dawn ir-raġunijiet din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda;*

Il-konvenut qed isostni li hu resaq għall-eżamijiet in kwistjoni minħabba pressjonii li ġiet eżerċitata mill-attur f'dan ir-rigward. Din l-eċċezzjoni għandha riflessjonijiet diretti fuq l-ammont mitlub billi kemm-il darba jirriżulta li l-konvenut ġie sfurzat jattendi eżamijiet kontra l-volontà tiegħu, l-obbligu tiegħu taħt it-*traineeship scheme* li jrodd lura dawk l-ispejjeż neċessarji, ma tibqax tissustixxi. U b'hekk ma jkunx obbligat li jħallas ta' l-ispejjeż għall-eżamijiet li hu jkun ġie sfurzat biex jattendi mill-attur. Il-konvenut jsostni, u f'dan huwa korrett, li l-obbligu tar-radd lura ta' l-ispejjeż kien qed jikber

proporzjonalment ma' l-ammont ta' eżamijiet li kien ser jattendi u għalhekk hu ma għandux irodd lura dawk l-ispejjeż tal-lezzjonijiet u eżamijiet li hu ġie sfurzat jagħmel meta kien umanament impossibbli għalih li jagħmilhom;

Il-konvenut xehed li s-sistema taħt it-*traineeship scheme* kienet titlob minnu sforz partikolari billi wara ġurnata xogħol l-uffiċċju tal-kumpannija attriċi, hu kien ikollu jattendi lezzjonijiet fis-suġġetti magħżula u wara jkompli jistudja d-dar. Għalhekk kien impossibbli għalih li jlaħħaq ma' l-istudji estensivi li kienu jeħtieġu t-tliet suġġetti li kien qed jagħmel;

L-attur f'dan ir-rigward isostni li dak allegat mill-konvenut mhux minnu. Infatti Joseph Pace, l-*Managing Director* tal-kumpannija attriċi, xehed li hu stess kien għadda mill-istess kalvarju u kien irnexxielu jottjeni l-ACII. Impjegat ieħor ta' l-istess soċjetà attriċi ċertu Borda kien ukoll attenda l-istess korsijiet bħal konvenut u rnexxielu jgħaddi kif jidher miċ-ċertifikat esebit a fol. 135 (Dok. JP3). Inoltre, skond l-*Examination Handbook* (Dok. JP6, fol. 185) irrilaxxat miċ-*Chartered Insurance Institute* li jmexxi dawn il-korsijiet, jidher li l-korsijiet huma intiżi għal persuni li jkunu ottjenew l-*Grade C* f'erba' suġġetti ekwivalenti għall-GCSE *standard* u inoltre jingħad fl-istess dokument;

"*You will need about four hours study a week over six months for each subject you take. It is recommended that you take no more than three courses a session, but you can take more if you wish*";

Mid-dokument JP1 a fol. 131 tal-proċess jirriżulta, li l-konvenut qabel ma beda l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi, kien ġà ottjena *Grade C* f'ħames suġġetti ta' l-*O level* u żewġ suġġetti bil-grad ta' 4 fl-eżamijiet tal-matrikola. Għalhekk kien

altru li kien kwalifikat biex jintraprendi l-istudji mħejjija taħt it-*Traineeship Scheme*;

Il-konvenut isostni li hu la kellu għażla fis-suġġetti li kien ser jistudja u lanqas għażla fl-ammont ta' eżamijiet li kien ser jagħmel. L-attur isostni li dan mhux minnu billi kollox sar bil-kunsens ta' l-istess konvenut. Hawn il-Qorti tixtieq tosserva li meta saret l-applikazzjoni għat-tlett eżamijiet il-konvenut ma oġġezzjonax, kien biss wara meta ħass li dawn kienu tqal wisq għalih li beda jsib oġġezzjoni u saħansitra talab l-intervent tal-UHM biex tinvestiga l-każ. Kwalunkwe pressjoni li setgħet saret mis-soċjetà attriċi kif allegat mill-konvenut fid-dikjarazzjoni tiegħu setgħet saret biss f'dan l-istadju u mhux meta l-konvenut aċċetta li joqgħod għal dawn l-eżamijiet. Il-Qorti inoltre tara stramba kif, filwaqt li l-konvenut kien qed isib l-istudju tqil, xorta waħda talab lis-soċjetà attriċi permess biex jieħu xogħol ieħor *part time* ma' l-Eden Leisure Group. U għalkemm dan il-permess ġie rifjutat, xorta waħda mar jaħdem hemm waqt il-perijodu li suppost kien qed jistudja;

Biex wieħed japprezza l-posizzjoni tal-kontendenti jrid iżomm quddiem għajnejh minn parti waħda x-xewqa tas-soċjetà attriċi li jkollha, kemm jista' jkun malajr, impjegati kwalifikati u mistħarrġa fix-xogħol li kienu qed jagħmlu u fl-istess ħin il-vantaġġi li kien ser jibbenefika minnhom il-konvenut kemm-il darba jottjeni l-kwalifiki neċessarji;

Tenut kont ta' dak li ġie rapportat fl-*Examination Handbook* u l-kwalifiki ta' l-istess konvenut, il-Qorti ma tħoss li fiċ-ċirkostanzi l-attur eżerċita xi pressjoni partikolari fuq il-konvenut meta talbu li joqgħod għal tlett eżamijiet flimkien;

Għalhekk din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda;

Fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu, il-konvenut sostna li l-aġir ta' l-attur fl-esekuzzjoni tal-ftehim pattwit kien karatterizzat minn ingann, qerq u *malafede* billi kull darba li l-esponent kien jagħmel eżami huwa kien jistfa aktar imdejjen mas-soċjetà attriċi b'mod li huwa ma kienx ikun f'qagħda li jtemm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà attriċi, anke li kieku ried, billi huwa kien ikun obbligat li jirrifondi l-ispejjeż inkorsi fit-teħid ta' l-eżamijiet mis-soċjetà attriċi. L-attur kien juża din iċ-ċirkostanza bħala leva biex iżomm lill-esponent u lill-impjegati l-oħra tas-soċjetà attriċi, impjegati ma' l-istess soċjetà b'paga li kienet dak iż-żmien l-aktar baxxa fis-settur ta' l-assikurazzjoni;

Illi qabel xejn għandu jingħad li ma nġiebet ebda prova min-naħa tal-konvenut li l-paga li kien qed jipperċepixxi kienet l-iżjed waħda baxxa fis-settur ta' l-assikurazzjoni. Anke kieku kienet, dan kien ikun kollu rrilevanti għas-soluzzjoni tal-każ sakemm ma jiġix ippruvat li l-attur kien qed jikser il-liġi billi jħallas lill-impjegati tiegħu anqas minn dak permess mil-liġi;

Fit-tieni lok, għandu jingħad li l-istudju u konsegwentement l-eżamijiet kienu fl-interess ta' l-istess konvenut billi kemm-il darba dan jottjeni l-kwalifiki kien javvanza fis-settur ta' l-assikurazzjoni u l-attur, għalkemm kien ser jibbenefika minn impjegat aktar effiċjenti u *knowledgeable*, sa meta dan jgħaddi l-eżamijiet kien qed jieħu riskju billi jħallaslu spejjeż sostanzjali mingħajr garanzija li l-quddiem ser jibbenefika minn dak l-investiment jew li ser jiġi risarċit ta' l-ispejjeż inkorsi f'każ li l-impjegat jonqos;

Huwa minnu li f'kull eżami għal-liema kien ser joqgħod il-konvenut, l-obbligu tiegħu kien ser jikber. Iżda dan l-obbligu ma kienx ikun hemm kemm-il darba l-konvenut kien jgħaddi minn dawn l-eżamijiet. Kieku l-konvenut għadda mill-eżamijiet l-attur ma kien ser jitolbu xejn lura;

Fl-aħħarnett jiġi rrilevat li bl-ebda mod ma jidher li l-konvenut ħassu marbut mas-soċjetà attriċi kif jallega fid-dikjarazzjoni tiegħu. Infatti meta deherlu ta r-riżenja tiegħu;

Din l-eċċezzjoni għalhekk qed tiġi miċħuda;

Ikkunsidrat:

Illi l-ammont pretiż mill-attur, kif ġà ingħad mhux qed jiġi kkontestat u dan fil-fatt jirriżulta elenkat fid-dokument D a fol. 17 tal-proċess. Billi ma saret ebda kontestazzjoni dwar l-ammont hemm indikat u billi dan jirriżulta ġustifikat anke mix-xhieda ta' l-attur u mid-dokumenti esebiti, il-Qorti tillikwida l-ammont dovut lill-attur fis-somma ta' sitt mija, ħamsa u sebgħin lira Maltija, sitta u sittin ċenteżmu (Lm675.66);

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba attriċi, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' sitt mija, ħamsa u sebgħin lira Maltija, sitta u sittin ċenteżmu (Lm675.66) dovuta kif fuq ingħad bl-imgħax legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra uffiċjali tad-9 ta' Novembru, 1994;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenut.